**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 12 ta' Marzu 2017

It-II Ħadd tar-Randan

Sena A

**Introduzzjoni**

Permezz tal-liturġija ta' dan it-Tieni Ħadd tar-Randan, ser inkomplu l-mixja tagħna f'dan iż-żmien hekk qawwi u qaddis.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġen 12, 1-4a)

Abram wieġeb għas-sejħa ta' Alla minnufih għax emmen li Alla kien ser jibqa' miegħu l-ħin kollu.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 32)

Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna.

**It-Tieni Qari** (2 Tim 1, 8b-10)

San Pawl jgħidilna li meta Alla jsejħilna, hu jimliena bid-dawl tiegħu.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 17, 1-9)

Meta Ġesù tbiddel f'sura glorjuża quddiem l-appostli tiegħu, wera li hu tassew l-Iben t'Alla.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**

Alla qed isjeħilna biex nimxu warajh u nkunu mimlija bil-kuraġġ li jagħtina hu. Din is-sejħa titlob ħidma u offerta kontinwa min-naħa tagħna.

Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Is-smigħ tal-Kelma t'Alla għandu jkun akkumpanjat mill-Ewkaristija li ssaħħaħna.

Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.